
ĠESÙ U MARIJA FIL-KORAN IMQADDES



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Ġesù u Marija fil-Koran Imqaddes

Il-Musulmani jsostnu li jħobbu 'l Ġesù, iben Marija, il-Messija, daqskemm iħobbuh l-Insara, u l-persuna tiegħu titgawda kemm mill-Insara kif ukoll mill-Musulmani.

Id-dinja rat personaġġi eċċezzjonali u influwenti ferm tul l-istorja tal-umanità, iżda wħud ħallew marki indimentikabbli, impressjonanti u straordinarji fuq il-qlub u l-memorji tan-nies.

Abraham, Mosè, Buddha, Krishna, Ġesù u Muħammad (il-paċi tkun fuqhom ilkoll) kienu fost l-aktar nies straordinarji u influwenti fl-istorja tal-umanità. Taw immensament tul ħajjithom għall-benesseri tal-umanità.

Nemmnu fil-Messaġġiera kollha ta' Alla

Il-Musulmani għandhom imħabba kbira, rispett u qima, waqt li jgħożżu l-messaġġ ġenwin ta' Ġesù u jibbenefikaw mill-karattru eżemplari tiegħu. Dan ir-rispett ma juruhx biss lil Ġesù iżda juruh ukoll lil ommu, billi jiftakru f'Marija bħala xempju ta' virtù u mudell eċċellenti għalihom infushom, kif inhu deskritt fil-Koran Imqaddes.

Huwa parti integrali mis-sisien fundamentali tat-twemmin Iżlamiku li mhux biss jitqies bħala att ta' korteżija, iżda li wieħed jemmen ġenwinament fil-verità u l-unur tal-messaġġiera kollha ta' Alla, inkluż Buddha, Krishna, Mosè, Ġesù, u Muħammad, il-paċi tkun fuqhom ilkoll. Il-Koran Imqaddes isostni:

• Għidu: "Aħna nemmnu f'Alla, u f'dak li ġie muri lilna, u f'dak li ġie muri lil Abraham, u lil Ismagħel, u lil Iżakk, u lil Ġakobb, u lit-tribujiet, u f'dak li ngħata Mosè u Ġesù, u f'dak li ngħataw il-Profeti minn Sidhom. Aħna ma nagħmlux distinzjoni bejn ħadd minnhom, u aħna f'Idejh intlaqna."

(Il-Koran Imqaddes - 2:137)



Ġesù fil-Koran Imqaddes

Il-Koran Imqaddes jagħti unur kbir u rispett lil Ġesù u Marija (il-paċi tkun fuqhom). Wieħed jista' jifhem l-importanza ta' dan mill-fatt li l-Koran Imqaddes, il-Ktieb Divin tal-Musulmani, isemmi l-isem ta' Ġesù Kristu 25 darba, f'kapitli differenti tal-Ktieb.

Ġesù huwa mniżżel fil-Koran Imqaddes b'għadd ta' ismijiet u titli differenti, fosthom "Iben Marija", "Il-Messija", "Qaddej ta' Alla", "Messaġġier", "Profeta", u "Grazzja". Il-Koran Imqaddes jitkellem apertament dwar id-dedikazzjoni, il-pjetà, in-nobiltà, u l-ħniena ta' Ġesù. Il-Koran Imqaddes jgħid:

- **U lil Ġesù bin Marija tajnieh sinjali ċari u qawwejnieh b'Ruħ il-Qodos (l-Anġlu Gabrijel).** *(Il-Koran - 2:88 u 2:254)*

- **U Żakkarija, Ġwanni, Ġesù u Elija, kollha mill-ġusti, u Ismagħel, Eliżew, Ġona u Lot; kollha ppreferejniehom mill-oħrajn.** *(Il-Koran - 6:86-87)*

- **Dak huwa Ġesù bin Marija. Dan huwa kliem is-sewwa li huma jiddubitaw.** *(Il-Koran - 19:35)*

- **Tassew, il-Messija Ġesù bin Marija ma kienx għajr il-mibgħut ta' Alla u twettiq tal-kelma Tiegħu li nissel f'Marija, u grazzja mingħandu.** *(Il-Koran - 4:172)*

- **Qal (Ġesù): "Jien tabilħaqq il-qaddej ta' Alla! Huwa tani l-Ktieb u għamilni Profeta. Huwa għamilni mbierek, kulfejn inkun."** *(Il-Koran - 19:31-32)*

It-Twelid ta’ Ġesù u l-Akkużi tal-Lhud

Il-Koran Imqaddes jiddikjara li Ġesù (il-paċi tkun dejjem fuqu) twieled b’mod mirakoluż mid-devota verġni Marija, u huwa xhieda kostanti tas-safa u tal-karattru nobbli tagħha.

Il-Koran Imqaddes jagħti prestiġju kbir lil Marija u jirrifjuta kull akkuża miġjuba lejha. Jistqarr ukoll li omm Ġesù kienet mara twajba ħafna u li x-Xitan ma kellu l-ebda sehem fit-twelid ta’ Ġesù.

• Meta l-anġli qalu: “Marija, Alla tabilħaqq jagħtik il-bxara t-tajba ta’ kelma minn Tiegħu; ismu jkun il-Messija, Ġesù, bin Marija, mogħti ġieħ f’din id-dinja u fl-oħra, u jkun minn dawk l-eqreb lejn Alla.”
(Il-Koran - 3:46)

• Qalet (Marija), “Kif ikolli iben meta ma messni ebda bniedem, u qatt ma kont żienja?”

• Qal (l-anġlu), “Hekk hu.” Sidek qal, “Dil-ħaġa għalija ħafifa; u nagħmluh (Ġesù) sinjal għan-nies, u ħniena Minna, u din tassew ħaġa deċiża (u se sseħħ).”

• Għalhekk hija tqalet bih, u warrbet bih fi mkien imbiegħed.
(Il-Koran – 19:21-23)



Lealtà • Ħelsien • Rispett • Ugwaljanza • Paċi

IMĦABBA GĦAL KULĦADD
MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

L-Omm Marija fil-Koran Imqaddes

Il-Koran Imqaddes irriserva unur kbir u rispett lejn Marija, sat-tali punt kruċjali li Alla ddedikalha kapitlu sħiħ fil-Koran Imqaddes bit-titlu *Sura Maryam*. 'Maryam' huwa l-verżjoni Għarbija tal-isem 'Marija'. L-Omm Imqaddsa hija msemmija 34 darba, f'kapitli differenti tal-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jgħid:

• U ftakar meta l-anġli qalu: "Marija, Alla tabilħaqq għażlek u saffiek; Huwa għażlek fuq in-nisa kollha taż-żmien." *(Il-Koran - 3:43)*

• Ommu (omm Ġesù) kienet mara ġusta u sewwa. *(Il-Koran - 5:76)*

L-Omm Marija - Mudell Eżemplari

Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes tant jagħti rikonoxximent kbir lil Marija li jippreżenta żewġ eżempji ta' mudelli eżemplari lill-kredenti Musulmani, kemm irġiel kif ukoll nisa. Dawn huma l-mara tal-Faragħuni u l-omm Marija – omm Ġesù. Il-Koran Imqaddes jistqarr:

Lil dawk li jemmnu Alla jġib l-eżempju ta' mart il-Faragħun, meta qalet: "Sidi (Alla)! Ibnili għandek dar fil-Ġenna; u eħlisni mill-Faragħun u minn għemilu, u eħlisni min-nies il-ħżiena.

U l-eżempju ta' Marija, bint Għimran, li ħarset is-safa ta' ġisimha, u Aħna nfaħna minn Ruħna fiha, u hija emmnet fi Kliem Sidha u fil-Kotba Tiegħu, u kienet mill-obbidjenti. (Il-Koran - 66:12-13)

Marija, omm Ġesu, tirrappreżenta l-qaddejja u l-fidili onesti kollha ta' Alla, li tbiegħdu kompletament mid-dnub, u billi għamlu paċi ma' Alla, huma mbierka bl-ispirazzjoni Divina.

Il-Messija Mwiegħed dwar Ġesù

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Hażrat Mirża Gulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi, jitkellem dwar il-prestiġju għoli ta' Ġesù, u jikteb:

"Ġesù, il-Messija, huwa tabilħaqq wieħed mill-qaddejja l-aktar għeżież u mill-aktar devoti ta' Alla, u huwa wieħed minn dawk magħżula minn Alla, li Alla stess isaffihom b'Idu, u jżommhom fid-dell tad-Dawl Tiegħu." (Tohfa-e-Qaisariyyah, Ruhani Khazain, Vol. 12, P. 272)

"Il-Musulmani jsostnu li jħobbu lil Ġesù, il-Messija, daqskemm iħobbuh l-Insara, u l-persuna tiegħu titgawda kemm mill-Insara kif ukoll mill-Musulmani, iżda jien għandi l-akbar jedd (għal dik l-imħabba) il-għaliex in-natura tiegħi hija mwaħħda ma' ta' Ġesù u tiegħu f'tiegħi."(Tohfa-e-Qaisariyyah, Ruhani Khazain, Vol. 12, P. 275)

"Ġesù hu Profeta kbir ta' Alla. Huwa bla dubju ta' xejn maħbub u onorat minn Alla, dawl ta' din id-dinja u x-xemx ta' direzzjoni. Kien eżaltat quddiem Alla u kellu pożizzjoni qrib ferm tat-tron Tiegħu. Miljuni ta' persuni li jħobbuh, isegwu t-tagħlim tiegħu u jaġixxu fuq il-gwida tiegħu jkunu meħlusa mill-infern." (Government Engraizi aur Jihad, Ruhani Khazain Vol. 17, P.26)

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

"Jesus and Mary in the Holy Quran"
in Maltese Language

By Laiq Ahmed Atif & K. Coleiro
First Published in Malta (2013)

Mob: +356 7932 0139 • **Tel:** +356 2734 2401
Tel: +356 2132 2105 • **Fax:** +356 2732 2105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org